**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum it-Tlieta 19 ta` Frar 2019**

**Fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta` Mandat ta' Inibizzjoni Numru 3/2019 JZM fl-ismijiet :**

**SinSin Europe Solar Asset Limited Partnership (Reg. Nru. 70887) u SinSin Solar Capital Limited Partnership (Reg. Nru. 70738) li huma *limited liability partnerships* esteri inkorporati fil-Cayman Islands u bl-ufficcju registrat fi Suite 716, 10, Market Street, Gran Cayman KY1-9006, kif debitament rapprezentati lokalment mill-mandatarju specjali taghhom l-Avv. Dr. Frank B. Testa (K.I. Nru. 424180M)**

***kontra***

**L-Av. Nicolai Vella Falzon li b`digriet tal-24 ta` Jannar 2019 gie kkonfermat bhala kuratrur sabiex jirrapprezenta lis-socjetajiet assenti minn Malta SPI China (HK) Limited (Reg. Nru. 1576998) li hija socjeta` estera inkorporata f`Hong Kong bl-ufficcju registrat fi RM1702, 17/F,**

**Tung Hip Commercial Building, 248, Des Voeux Rd Central, Hong Kong, u SPI Energy Co. Limited gia` Solar Power Inc. (Reg. Nru. C2880869) li hija socjeta` estera bl-ufficcju registrat fil-Maples Corporate Services Limited, P.O. Box 309, Ugland House, Gran Cayman, KY1-1104, Cayman Islands**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Fl-4 ta` Jannar 2019, ir-rikorrenti pprezentaw rikors fejn, in kawtela ta` kreditu ndikat ghall-fini ta` dan il-procediment fl-ammont ta` €38,054,000, talbu l-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni ("**il-Mandat**") kontra z-zewg intimati.

Fl-4 ta` Jannar 2019, tat digriet fejn laqghet t-talba tar-rikorrenti provizorjament, fejn ordnat in-notifika tal-intimati b`ghaxart (10) ijiem zmien biex iwiegbu bil-miktub, u fejn appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza ta` nhar il-Hamis 17 ta` Jannar 2019 fis-1.30 p.m.

Il-kuratur tal-intimati accetta n-notifika tar-rikors fl-udjenza tat-22 ta` Jannar 2019 u ppresenta risposta fl-1 ta` Frar 2019. Apparti kontestazzjoni fil-mertu tal-pretensjoni tar-rikorrenti, il-kuratur eccepixxa li l-intimata SPI China (HK) Limited ma kenitx azzjonista ta` SinSin Renewable Investments Limited.

Fl-udjenza tal-5 ta` Frar 2019, ir-rikorrenti talbu (u kisbu) korrezzjoni tar-rikors sabiex il-hrug tal-Mandat ikun limitat biss ghall-intimata SPI Energy Co. Limited gia` Solar Power Inc. mhux ukoll ghall-intimata l-ohra, ghar-raguni li r-rikorrenti ma kienux edotti mill-fatt li qabel il-prezentata tar-rikors SPI China (HK) Limited kienet lahqet ittrasferiet l-ishma kollha li kellha fil-kumpannija SinSin Renewable Investment Limited lil SPI Energy Co. Limited. Il-korrezzjoni kienet koncessa ghaliex it-taghrif li kien jidher fil-*website* tar-Registru tal-Kumpanniji ta` Malta fid-data tal-prezentata tar-rikors

ma kienx ghadu jirrifletti t-trasferiment tal-ishma li kien diga` sar internament bejn iz-zewg intimati.

Fl-istess udjenza, ir-rikorrenti ghamlu cessjoni tal-atti tar-rikors limitatament fil-konfront tal-intimata SPI China (HK) Limited.

Effett tal-korrezzjoni, it-talba diretta kontra l-intimata SPI Energy Co Limited gia` Solar Power Inc. hija :-

***sabiex tinzamm milli tbigh, tnehhi, tittrasferixxi jew tiddisponi inter vivos sew b`titolu oneruz jew gratuwitu l-ishma kollha li ghandha fis-socjeta` Maltija bl-isem SinSin Renewable Investment Limited (C-60350).***

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` Vassilis Orfanos.

Rat id-dokumenti kollha li l-partijiet ipprezentaw fil-kors ta` l-procediment.

Semghet ix-xiehda in kontroezami ta` Vassilis Orfanos fl-udjenza tal-14 ta` Frar 2019.

Semghet is-sottomissjonijiet li ghamlu d-difensuri fl-udjenza tal-14 ta` Frar 2019.

Rat li r-rikors thalla ghal provvediment kamerali.

Rat l-atti l-ohra.

**Ikkunsidrat** :

Huwa evidenti, sahansitra mill-formola adoperata, illi r-rikorrent qieghed jitlob il-hrug tal-Mandat abbazi tal-**Art 874 tal-Kap 12**. Dan l-artikolu kien emendat bl-Art 21 tal-Att IV tal-2016. L-emenda giet fis-sehh bl-Avviz Legali 42 tal-2016 u tghodd ghal talbiet ghall-hrug

ta` Mandati li jkunu saru wara l-15 ta` Frar 2016, kif huwa l-kaz tal-lum.

Peress it-talba fir-rikors tal-lum mhijiex intiza biex tolqot propjeta` mmobbli izda ishma ta`kumpannija, il-Qorti sejra tirreferi ghal dawk is-subartikoli tal-Art 874 li jghoddu ghall-kaz tal-lum :-

*(1) Mandat ta' inibizzjoni jista' jintalab* ***ukoll*** *minn* ***kreditur*** *biex jizgura dejn, jew kull pretensjoni ohra li tkun tammonta ghal* ***mhux inqas*** *minn hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin euro u sitta u tmenin centezmu (€11,646.86). L-iskop ta' dan il-mandat hu biex izomm lid-debitur milli jbigh, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos mill-proprjetà li tigi indikata fir-rikors b'titolu oneruz jew gratuwitu jew b'xi mod johloq piz jew drittijiet reali u, jew personali ; izda dak il-mandat ma jghoddx ghall-kostituzzjoni ta' xi dritt fuq, jew trasferiment ta', proprjetà li jsir skont ordni tal-qorti, jew fuq garanziji bankarji u ittri ta' kreditu.* (enfasi u sottolinear tal-qorti)

*…*

*(6) Meta mandat jipprojbixxi l-bejgh jew trasferiment ta' ishma f'socjetà kummercjali ghandu jigi wkoll notifikat ir-Registratur tal-Kumpanniji u mid-data tal-imsemmija notifika kull trasferiment ta' ishma jkun null.*

*…*

**Ikkunsidrat :**

Sabiex johrog Mandat ta` din ix-xorta, ghandhom jigu sodisfatti dawn ir-rekwiziti :-

i) Illi t-talba trid issir minn kreditur ; u

ii) Illi l-kreditu ma jridx ikun ta` inqas minn €11,646.86.

Tajjeb jinghad illi l-Art 874(1) m`ghandux jinqara bhallikieku jikkonfliggi mal-Art 873 tal-Kap 12 ghaliex fir-realta` ma hemm l-ebda konflitt bejn iz-zewg disposizzjonijiet.

L-Art 873 huwa aktar generiku mill-Art 874. Ghax hu mahsub biex ikun hekk, jimponi rekwiziti *ad hoc,* bhal dak tal-"*pregudizzju*

*rrimedjabbli*" li kien koltivat u zviluppat mill-gurisprudenza, aktar milli mit-test **<u>strett</u>** tal-ligi, rekwizit dan illi **<u>mhuwiex</u>** inkluz fl-Art 874.

It-talba ghall-hrug ta` Mandat skont l-Art 874 hija ntiza sabiex tkun ghodda **<u>ohra</u>** (innota l-frazi "***<u>ukoll</u>***") favur kreditur sabiex jikkawtela kreditu li jikkontendi li ghandu kontra debitur, li jkun jaqbez l-ammont ta` €11,646.86. Sabiex jikseb il-hrug tal-Mandat m`ghandux l-obbligu li jaghmel il-prova ta` l-"*pregudizzju rrimedjabbli*" bhal ma jrid isir fil-kaz tal-Art 873.

Il-*punto d`incontro* bejn iz-zewg disposizzjonijiet huwa li l-kreditu jrid jirrizulta minn dritt "*prima facie*".

**Ikkunsidrat :**

Ir-rikorrenti jikkontendu li l-kreditu taghhom kontra l-intimati gej minn kuntratt fejn kienu bieghu u ttrasferew lill-intimati l-ishma li kellhom fil-kumpannija SinSin Renewable Investment Limited. Skont ir-rikorrenti, minkejja l-pattijiet u l-obbligi assunti, l-intimati baqghu ma hallsux dak dovut lir-rikorrenti. Ghalkemm l-ammont indikat ghall-fini tar-rikors odjern huwa ta` €38,054,000, ir-rikorrenti jsostnu li huma dovuti lilhom wkoll interessi, spejjez u danni naxxenti mill-inadempjenzi tal-intimati.

Min-naha taghhom, l-intimati jikkontestaw il-fondatezza tal-pretensjoni tar-rikorrenti ghaliex jikkontendu li kienu r-rikorrenti li naqsu fl-obbligi taghhom skont il-kuntratt in kwistjoni.

Is-sostanza tat-tilwima bejn iz-zewg nahat hija evidenti kemm mir-ragunijiet li gabu z-zewg nahat sabiex din il-Qorti tilqa` (jew tichad) it-talba ghall-hrug tal-Mandat kif ukoll mid-dokumenti li kull naha pprezentat.

Il-Qorti mhijiex sejra tidhol fil-mertu tal-posizzjoni ta` kull naha.

Mhijiex sejra taghmel dan, mhux biss ghaliex mhuwiex dan l-iskop ta` procediment ta` din ix-xorta, izda anke ghaliex il-vertenza fil-mertu li r-rikorrenti ghandhom kontra l-parti l-ohra (kif riflessa fil-qosor f`dak li nghad fil-premessi tar-rikors promotur) u l-vertenza fil-

mertu li l-intimati ghandhom kontra r-rikorrenti (anke din riflessa fil-qosor fir-risposta ghar-rikors promotur) qeghdin jigu trattati f`zewg procedimenti separati, wiehed istitwit mir-rikorrenti kontra l-intimati, u l-iehor mill-intimati kontra r-rikorrenti, quddiem l-istess Arbitru, fit-Tribunal tal-Arbitragg tac-Centru dwar l-Arbitragg ta` Malta.

Fil-kuntest tal-procediment odjern, il-Qorti tislet minn dak imfisser (u konfermat bil-gurament) mill-mandatarju tar-rikorrenti fil-premessi tar-rikors, kif ukoll mid-dokumenti li kienu esebiti, mhux biss ir-ragunijiet ghalfejn intalab il-hrug tal-Mandat izda anke kif ir-rikorrenti waslu ghall-ammont li qieghed ikun reklamat ghall-fini ta` dan il-procediment.

Din il-Qorti hija sodisfatta sal-livell ta` *prima facie* li r-rikorrenti ghamlu l-prova tal-jedd (u relattiva kwantifikazzjoni) li jikkontendu li ghandhom kontra l-intimati.

Tajjeb li jkun riaffermat illi l-procedura tal-lum hija mahsuba biex tkun wahda sommarja. Unikament ghall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta’ din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Huwa propju ghalhekk li l-ligi stabbiliet zminijiet qosra u precizi li fihom it-talba ghall-hrug ta’ l-Mandat ghandha jew tintlaqa’ jew tigi michuda.

Hadd mill-partijiet ma jista’ jew m’ghandu jippretendi li bil-metodu sommarju ghandha tkun propju din il-Qorti li tiddeciedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-procedura specjali u partikolari tal-Mandat ta’ Inibizzjoni. Ghalhekk mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem din il-Qorti fi procediment bhal dak tal-lum kull ma ghandu jitressaq fil-procediment fejn se jkun determinat il-mertu tal-jedd. Hemm il-grad tal-prova ma jibqax aktar dak ta` *prima facie* izda jsir dak tal-prova fuq bilanc tal-probabilitajiet.

Propju ghalhekk il-fatt illi tintlaqa` talba ghall-hrug ta’ l-Mandat, ma jfissirx li l-jedd huwa ppruvat. Kif daqstant iehor m`ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-Mandat ikun michud, allura l-jedd pretiz ma jezistix. Il-mansjoni ta’ din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex johrog il-Mandat.

**Ikkunsidrat :**

Tajjeb jinghad illi SinSin Renewable Investment Limited hija *a holding company* li ghandha ishma f`erba` kumpanniji li huma registrati fil-Grecja. Dawn tal-ahhar huma allura *asset companies.* Huma dawn tal-ahhar li bhala fatt jikkostitwixxu l-gid ta` l-*holding company.* Fil-kaz tal-lum, irrizulta li r-rikorrenti ghandhom *pledge of shares agreement* li jkopri l-ishma tal-erba` *asset companies.*

L-intimati jaghmlu l-argument li l-Mandat m`ghandux johrog ghaliex r-rikorrenti diga` huma ben ikkawtelati bil-*pledge of shares agreements.* Min-naha taghhom, ir-rikorrenti jsostnu li l-*asset companies* ghandhom dejn sostanzjali u pprezentaw dokumenti bhala prova. Ighidu li ghalkemm bdew proceduri fil-Grecja sabiex isarrfu dawk il-*pledges* huwa bil-wisq incert x`se jirnexxielhom jiksbu fil-konkret jekk l-ishma jinbieghu b`subbasta fil-Grecja wara li jintemmu l-proceduri gudizzjarji f`dak il-pajjiz. Anke ghalhekk talbu l-hrug tal-Mandat.

Fil-kors tas-smigh tar-rikors, l-intimati ressqu bhala xhud lil Vassilis Orfanos, *operational director* tal-*asset companies* fil-Grecja. Ghalkemm kien prezentat affidavit ta` Orfanos, ix-xhud wiegeb *viva voce* ghal domandi in kontroezami. L-iskop tax-xiehda ta` Orfanos ma kienx daqstant sabiex jikkontesta l-jedd *prima facie* tar-rikorrenti izda pjuttost sabiex tkun kontestata l-pretensjoni tar-rikorrenti li l-qaghda finanzjarja ta` l-*asset companies* ma tikkawtelax b`mod adegwat il-pretensjoni tar-rikorrenti.

Skont id-deposizzjoni ta` Orfanos, jirrizulta accertat illi l-*aggregate debts* tal-erba` kumpanniji llum huwa ta` €23.5 miljun, waqt li fl-2018 dawn kellhom *aggregate gross income* ta` €7 miljun. Xehed illi abbazi tal-kuntratti li ghandhom, il-*gross aggregate* tad-dhul fuq is-snin li fadal tal-kuntratti li ghandhom ilahhaq il-€100 miljun. Dak li xehed Orfanos dwar l-*aggregate gross income* ghall-2018 u dak prospettat ghas-snin li gejjin mhuwiex korraborat minn dokumenti.

Wara li rat id-dokumenti, u wara li qieset dak li xehed Orfanos, din il-Qorti m`ghandhiex il-konfort sal-livell ta` *prima facie* li l-*pledge of shares agreements* huma bizzejjed sabiex tkun ikkawtelata l-posizzjoni tar-rikorrenti. Il-Qorti ma tistax twarrab fil-genb il-fatt li l-eventwali ezekuzzjoni ta` dawk l-*agreements* fuq assi li jinsabu l-Grecja jqieghed il-kwistjoni barra mill-gurisdizzjoni ta` dawn il-Gzejjer

u allura barra mill-kontroll gudizzjarju nostran. Dak li Orfanos xehed dwaru iqajjem punti nterrogativi u materji li mhumiex oggettivament verifikabbli ghall-fini tal-procediment odjern. Il-harsa `l quddiem li jaghti Orfanos hija soggettiva wisq u mhijiex konfortata minn provi oggettivi.

Premess dan kollu, ir-rikorrenti ddikjaraw li, quddiem il-qrati nostrani, apparti l-procediment odjern, huma kienu kisbu l-hrug ta` mandat ta` sekwestru kawtelatorju, izda minn dan tal-ahhar, ma kienx irnexxielhom jissekwestraw fondi tal-intimati f`idejn is-sekwestratarji. Hekk jidher li huwa l-kaz, fatt li mhuwiex kontradett mill-intimati.

Fil-kors tal-procediment odjern, apparti l-kwistjoni tal-*pledge of shares agreements,* l-intimati ghamlu l-argument li l-ishma in kwistjoni setghu nqabdu b`mandat ta` qbid kawtelatorju bhala alternattiva ghal mandat ta` inibizzjoni li huwa pacifikament rikonoxxjut mill-qrati taghna bhala mandat eccezzjonali u straordinarju.

Fil-fehma ta` din il-Qorti, dan l-argument ma jregix fil-kaz tal-lum.

Setghux ir-rikorrenti jipprezentaw mandat ta` qbid kawtelatorju sabiex jottjenu dak li riedu bil-procedura odjerna mhijiex materja li din il-Qorti jidhrilha li ghandha tidhol fiha ghall-fini tad-determinazzjoni ta` jekk il-procediment odjern kienx dak idoneju inkella le.

Jibqa` l-fatt illi l-ghazla ta` kif jikkawtelaw il-jedd pretiz, kien jispetta lir-rikorrenti. Setghu hadu riskju bil-fatt li jitolbu l-hrug ta` mandat bil-procedura odjerna, jekk mhux ghal xejn, ghall-fatt illi filwaqt illi b`mandat ta` qbid kawtelatorju, ma hemmx ir-rekwizit tas-smigh, fil-kaz tal-mandat ta` inibizzjoni, is-smigh huwa rikjest *ad validitatem.* Mhux biss. Izda r-rekwiziti ghall-hrug ta` mandat ta` qbid kawtelatorju huma bil-wisq inqas oneruzi sabiex jigu ppruvati minn dawk ta` mandat ta` inibizzjoni.

Il-Qorti tirriafferma l-principju li kull rikorrent ghandu kull jedd illi jikkawtela l-kreditu pretiz bil-mod l-aktar idoneju u effettiv ghad-disposizzjoni tieghu. Meta tapplika dan il-principju ghall-fatti u cirkostanzi tal-kaz odjern, ma ssib xejn li jikkonfliggi mal-gurisprudenza citata mill-intimati. Fil-fehma taghha, il-hrug tal-Mandat kif rikjest mir-rikorrenti jissoddisfa din il-htiega.

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi kif gej :-**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tar-rikorrenti kif dedotta limitatament kontra l-intimata SPI China (HK) Limited (Reg. Nru. 1576998) stante li t-talba kienet ceduta fil-konfront tal-istess intimata fil-mori tal-procediment odjern.**

**Tilqa` t-talba tar-rikorrenti kif dedotta kontra l-intimata l-ohra SPI Energy Co. Limited gia` Solar Power Inc. (Reg. Nru. C2880869) billi tordna l-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni kontra din l-intimata sabiex la tbiegh, la tnehhi, la tittrasferixxi u lanqas tddisponi *inter vivos* sew b`titolu oneruz jew gratuwitu l-ishma kollha li ghandha fil-kumpannija bl-isem SinSin Renewable Investment Limited (C-60350) li hija registrata fir-Registru tal-Kumpanniji ta` Malta.**

**Bl-applikazzjoni tal-Art 874(6) tal-Kap 12, tordna n-notifika ta` dan il-provvediment lir-Registratur tal-Kumpanniji.**

**L-ispejjez ta` dan il-procediment jibqghu riservati ghall-gudizzju finali fil-procediment bejn il-partijiet li sejjer jiddeciedi l-mertu tal-jedd.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**